KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# Minuti tas-Sebgha u Hamsin (57) Laqgha tas-Sebgha(7) Kunsill Lokali Ghaxaq

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Numru 57 fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju 2016 fis-6.00pm.

**Preżenti**.

**IS-SINDKU DARREN ABELA**
**Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO**
**IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS**
**IL-KUNSILLIER KEITH FENECH**
**IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI**

**IS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FIONA SAID**

**L-AMBAXXATRICI TAZ-ZGHAZAGH SARAH BONNICI -assenti**

Is-Sebgha u Hamsin (57) Laqgha tas-Sebgha (7) Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Approvazzjoniji tal-Hlasijiet:
   A. Skeda ta' Pagamenti: Numru 57/2016 - Gunju-Lulju 2016
3. Approvazzjoni tar-Rapport Finazjarju Ottubru – Dicembru 2015
4. Financial Statements 2015
5. Korrispondenza
6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
7. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera
8. Aggornament tal-Laqgha

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

1.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 56 li nzammet nhar l-Erbgha, 15 ta' Gunju 2016 .

1.2. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 56 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Il-Kunsilliera Rose Agius resqet korrezzjoni rigward materja numru 5.1 sabiex minn 'Triq ir-Rebbiegha' tigi mnizzla 'Triq id-Dejl'.

1.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 56 bil-korrezzjoni kif indikata f'materja numru 1.3. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 56 gew approvati unanimament.

2. **<u>Approvazzjoni tal-Hlasijiet:</u>**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 57/2016 – Gunju 2016***

2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 57-2016 bic-cekkijiet numru 5243 sa 5295 li tammonta €46,237.71
Proponent: Il-Kunsillier Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsilliera Miriam Schembri

2.2 L-iSkeda ta' Pagamenti numru 57-2016 giet approvata unanimament.

3. **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju: Ottubru – Dicembru 2015**

3.1 L-accountant tal-Kunsill ma baghatx ir-rapport imsemmi u baqa ma rrisponda l-ebda korrispondenza.

4. **Financial Statements 2015**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li minhabba c-cirkostanza kif tinsab kellha laqgha mad-Direttur tal-Kunsilli fejn issugerixxa li f'dan l-istadju il-Kunsill ghandu jipprova jaghlaq is-sena 2015 qabel ma titkompla l-2016. Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li f'idejha ghandha l-back-up li l-accountant kien baghat lill- Awdituri fl-2014. Wara li dan gie mghoddi lil kumpanija li tissuplixxi il-programm, dan il-backup gie *restored* fuq is-sistema taghna. Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet mal-Accountants il-godda u dawn lesti li jergghu jdahhlu d-dettalji kollha tas-sena 2015. Sabiex il-kaz ma jiehux iktar fit-tul, huma talbu li jinghataw l-informazzjoni u d-dokumenti sabiex jahdmu mill-uifficini taghhom, izda il-programm li l-Kunsill ghandu, m'ghadux johrog bhalu u ghaldaqstant inghatajna l-parir li nixtru l-Evolution. Il-kwotazzjoni li inghatajna tammonta ghal € 1659.08 Il-Kunsill qabel li jinxtara dan il-programm u li l-Accountants il-godda jahdmu fuq is-sena 2015 mill-bidu.

## 5. Korrispondenza

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li intbaghtet l-applikazzjoni ghall-iskema tal-Libreriji fejn ghal darb'ohra il-Kunsill jista jinghata sa massimu ta' €600. Il-Kunsill qabel li jinxtraw il-kotba ghall-ispiza ta' €1200.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li intbaghtet ukoll l-applikazzjoni ghall-iskema ta' Restawr ta' postijiet storici. Wara diskussjoni dwar din il-materja il-Kunsill qabel li jippartecipa bl-ewwel preferenza ghad-Dar tal-Bebbux bhas-sena ta' qabel, filwaqt li t-tieni preferenza ghandha tkun il-Knisja ta' Santu Kristu.

5.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar it-Turetta fejn qal li l-Perita Fsadni baqghet ma tatx risposta. Il-Kunsilliera Rose Agius proponiet li l-Kunsill jaghmel talba lill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, lil Ministru Joe Mizzi sabiex ninghataw ghajnuna fir-restawr tat-Turretta. Il-Kunsilliera Miriam Schembri proponiet li terga tinghata l-Heritage sabiex tinfetah bhala Muzew u ssir post turistiku. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li ma tibqax fir-responsabilita tal-Kunsill minhabba li ma tkunx ta' uzu ghal ghaqdiet lokali. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ghandha tintbaghat korrispondenza ukoll lil Heritage Malta u WirtArtna ghall-ghajnuna fir-restawr.

5.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem ukoll dwar ix-shelters, fejn il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ippropona li l-Kunsill ikellem is-Civil Protection Department sabiex jinzlu fix-shelters tal-pjazza bhal ma kienu ghamlu fl-2014 u jinzlu ukoll fix-shelters ta' San Filippu.

5.5 Is-Sindku Darren Abela pprezenta lil Kunsill dog bins godda mahdumin bl-idejn li se jigu jiswew €50 –il-wiehed. Ghaldaqstant il-Kunsill ippropona li jsiru ghaxar dog bins u ghaxar bins biex jitwahhlu madwar il-lokalita.

5.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamlet referenza ghad-dokumenti li hemm annessi mal-minuti dwar applikazzjonijiet u permessi mahrugin mill-MEPA li intbaghtu permezz ta' email lill-Kunsilliera kollha. Wara li gew diskussi, ma kien hemm ebda oggezzjoni.

5.7 Tressqet korrispondenza rigward zewg kotba dwar esperjenzi paranormali ghall-prezz ta' €30. Il-Kunsill qabel li jixtrihom ghal-librerija .

5.8 Tressqet korrispondenza rigward talba ghal-laqgha mal-iskwadra ta' kontra d-droga. Rigward l-abbuz ta'droga, fortunatament il-Kunsill m'ghandu l-ebda rapporti fil-lokalita.

5.9 Rigward l-ghalqa li l-Kunsill jarmi l-iskart fiha, ingiebet kwotazzjoni minghand Francis Bonnici ghat-tindif, rimi u garr ta' materjal. Il-prezz huwa ta' €70+VAT ghal gaffa u transport. Rigward ir-rimi tal-materjal hemm l-ispiza ta' €24 kull tunnellata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li baghtet ukoll korrispondenza lid-Direttorat tat-tindif sabiex dan it-tindif isir mid-Dipartiment kif kien isir fis-snin ta' qabel, izda s'issa ghadna ma inghatajna l-ebda risposta. Is-Sindku qal li gew tal-Cleansing Department jiehdu xi ritratti. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jistenna mid-Dipartiment.

5.10 Rigward il-problema ta' skart fi Triq it-Tumbarellu, is-Sindku qal li se titwahhal camera mal-bring-in-sites, kif ukoll tabella li tindika li 'm'hemm l-ebda skuzi ghal min ihammeg'. Rigward il-problema ta' skart tal-flattijiet, is-Sindku qal li wara laqgha li kellu

mar-residenti ipproponilhom li jgibu skip u l-Kunsill ikun jista jbattalihom. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ntbaghtet ukoll korrispondenza lil kull residenza sabiex ikunu infurmati dwar il-gbir ta' skart.

5.11 Tressqet korrispondenza minghand it-TM rigward konsultazzjoni sabiex tigi installata electric vehicle charging point. Il-Kunsill intalab jindika tliet postijiet fejn din tista tigi installata. Il-Kunsill ippropona:
(I) magenb il-ground fi Triq Napuljun Caruana Dingli
(II) Triq l-Iklin, wara l-Madonna
(III) Wesgha Bir id-Deheb

***F'dan l-istadju tal-laqgha attenda il-Kunsillier Keith Fenech***

5.12 Tressqet korrispondenza minghand il-Ministeru ghall-Ambjent qed jitolbu li ssir laqgha mal-Kunsill sabiex jigi diskuss l-izvilupp li l-lokal taghna ghamel fil-qasam tar-rimi ta' skart u Bring-in-sites. Il-materjal li jigi diskuss se jitpogga f'Magazine u gazzetta li tohrog mill-Ministeru. Is-Sindku qal li se jiltaqa' maghhom u jinforma lil Kunsill bid-data, post u hin.

5.13 Is-Sindku Darren Abela qal li ghal darb'ohra il-Kunsill gie fit-tieni post fil-gbir ta' skart organiku u fil-gbir ta' skart separat.

5.14 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex Triq l-Iklin isir No Entry min-naha ta' Triq G.D'Arena minhabba l-periklu li hemm fiha. Minhabba li hemm il-proposta ghal-progett tal-bypass li se jsir mit-TM, u li c-*centre strip* tista titnehha, il-Kunsill qabel li nistennew il-pjanta tal-*bypass*.

5.15 Tressqet korrispondenza rigward *accident* ta' karozza fi Triq il-Belt Valletta li skidjat fuq xi ramel li kien hemm ma l-art. L-accident sar ghall-habta tas-6.30pm. Anness mal-korrispondenza hemm ukoll ir-rapport tal-pulizija. F'dan l-istadju il-Kunsill ma jhossx li ghandu jiehu r-responsabilita ta' dan l-accident.

5.16 Tressqet korrispondenza rigward fondi tal-Muesec ghal gemellaggi. Il-Kunsill ma rax li ghandu jippartecipa imma minhabba nuqqas ta' informazzjoni ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

5.17 Rigward id-dawl ta' Triq in-narcis ingiebu zewg kwotazzjonijiet li l-ispiza tammonta ghal madwar €4000. Ghaldaqstant il-Kunsill zamm mad-decizjoni li ha fl-ahhar laqgha, dik li jsir arblu fejn hemm il-kanal man-naha tal-bankina.

5.18 Rigward il-bankina ta' Triq il-Fidloqqom il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li din ghandha titbaqqan kollha u tinghata pulzier u nofs konkos minghajr il-kurduna. Il-Kunsill qabel.

**6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

6.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-konki li twahhlu fejn San Filippu ghandhom jinqalghu minhabba li twahhlu bil-konkos u fejn qeghdin, huma perikoluzi. Il-Kunsill qabel.

6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun imsiefer bejn l-4 u it-8 ta' Awwissu.

6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li l-bust tal-ghannej lest, Ghaldaqstant ghandhom jinqalghu il-bankijiet ta' hemmhekk u jitwahhlu fejn tal-annimali u fejn il-bust jitwahhlu tnejn godda.

6.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar proposta sabiex isiru bankijiet bil-pallets u l-Kunsill jipprovdi l-materjal. Il-Kunsill qabel li nsibu post addatat ghalihom.

6.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jerga jsir il-parking li kien tnehha minn Triq il-Qattus. Il-Kunsill qabel.

6.6 Is-Sindku Darren Abela ippropona li ssir attivita' ohra fil-Milied. Ghaldaqstant ippropona li niffurmaw sottokumitat ghal-attivita tal-Milied. Il-Kunsill qabel li l-attivita' issir fil-11 ta' Dicembru. L-Attivita ghandha tkun fuq ikel tradizzjonali tal-Milied. Il-Kunsillier Keith Fenech, il-Kunsilliera Rose Agius u l-Kunsilliera Miriam Schembri urew l-interess li jkunu parti mis-sotto-kumitat.

**7. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera**

7.1 Il-Kunsilliersa Rose Agius gibdet l-attenzjoni li fi Gnien Elfejn hemm il-fanali mitfijin. Il-Vici Sindku qal li hemmhekk hemm problema bis-sistema tad-dawl. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jitrangaw il-floodlight li hemm.

7.2 Il-Kunsilliera Rose Agius, ressqet talba ghall-kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq it-Terha Numru 13, is-Sindku qal li se jibghat il-haddiema.

7.3 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet rigward in-nuqqas ta' kenniesa fir-rahal u ppoponiet li jekk hemm stipulat l-ammont ta' haddiema ghandha tintbaghat ittra lill-kuntrattur. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li hemm bzonn jinkines iz-zuntier b'mod regolari.

7.4 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li hemm Sprall Sfrundat fi Triq il-Belt Valletta fin-nizla ta' Santu Kristu quddiem it-Tabib.

7.5 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li fi Triq Has-Saptan l-isfel hemm bzonn qtugh ta' haxix, minn Ta' Loretu l-isfel.

7.6 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bozza tteptep Triq Giovanni Scicluna sabiex tigi rrapurtata.

**8. Aggornament tal-Laqgha**

8.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 fis-6.00pm

Il-Laqgha ntemmet fid-9.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |